

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

## ID-DEĊIJONI TAL-KKUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Mejju 1994

dwar il-frekwenza mnaqqsa ta' kontrolli fiżiċċi ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li jridu jiġu implementati minn pajjiżi terzi, skond Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE

(94/360/KE)

(ĠU L 158, 25.6.1994, p. 41)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Commission Decision 94/658/EC of 30 September 1994 (*)	L 256	29	4.10.1994
► <b>M2</b>	Commission Decision 95/54/EC of 28 February 1995 (*)	L 53	36	9.3.1995
► <b>M3</b>	Commission Decision 95/270/EC of 30 June 1995 (*)	L 165	24	15.7.1995
► <b>M4</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/104/KE tad-29 ta' Jannar 1996	L 24	31	31.1.1996
► <b>M5</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/139/KE tat-3 Frar 1997	L 55	13	25.2.1997
► <b>M6</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/302/KE tat-30 April 1999	L 117	58	5.5.1999
► <b>M7</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/518/KE tat-28 ta' Lulju 1999	L 197	50	29.7.1999
► <b>M8</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/609/KE tal-10 ta' Settembru 1999	L 242	28	14.9.1999
► <b>M9</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/583/KE tas-27 ta' Settembru 2000	L 246	67	30.9.2000
► <b>M10</b>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/237/KE tal-21 ta' Marzu 2002	L 80	40	23.3.2002
► <b>M11</b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/590/KE ta' l-1 ta' Settembru 2006	L 142M	3	5.6.2007

(\*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

**▼B****ID-DEĊIJONI TAL-KKUMMISSJONI****ta' I-20 ta' Mejju 1994**

**dwar il-frekwenza mnaqqa ta' kontrolli fiżiċi ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li jridu jiġu implementati minn pajjiżi terzi, skond Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE**

(94/360/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' I-10 ta' Diċembru 1990 li tistabbilixxi l-principi li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi t-tnaqqis fil-frekwenza ta' kontrolli fiżiċi ta' kunsinni tal-prodotti importati minn pajjiżi terzi għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 90/675/KEE dwar l-esperjenzi fl-Istati Membri u l-periklu lis-saħħha pubblika u ta' l-annimali fil-Komunità;

Billi, barra dan, għal ċerti pajjiżi terzi li magħhom il-Komunità laħqet ftehim dwar ekwivalenza, tnaqqis fil-kontrolli fiżiċi fuq ċerti prodotti jista' jkun applikat, billi jittieħed kont, *inter alia*, ta' l-applikazzjoni tal-principi għal tqassim fregħuni fil-każ ta' marda ta' l-annimali, u tal-principi veterinarji oħra tal-Komunità;

Billi t-tnaqqis fil-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi sejkun mwettqa minn kull Stat Membru; billi għandu jkun mwettaq ftali mod li ma jkunx possibbli għal importatur li jbassar jekk xi kunsinna partikolari hix se tkun soġġetta għal kontroll fiżiku;

Billi hemm bżonn li jkun hemm reviżjoni tal-livell tat-tnaqqis f'intervalli regolari bażati fuq informazzjoni rċevuta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri dwar l-implementazzjoni tal-kontrolli fil-postijiet ta' spezjoni fil-fruntieri;

Billi Stati Membri għandhom immedjatamente jinfurmaw lill-Kummissjoni meta kontrolli jiżvelaw li l-prodotti ma jissodisfawx il-ħtiġijiet neċċessarji jew juru kwalunkwe irregolarità oħra;

Billi l-miżuri provdu għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kunitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DECİJONI:

*Artikolu 1*

1. Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu (8) tad-Direttiva 90/675/KEE, l-Istati Membri għandhom japplikaw it-tnaqqis fil-frekwenza ta' kontrolli fiżiċi għal prodotti minn pajjiżi terzi kif stabbilit fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, fejn id-deċiżjonijiet tal-Komunità kienu meħuda sabiex jistabbilixxu, mingħajr preġudizzju għal ftehim taż-ŻEE:

- lista tal-pajjiżi terzi approvati,
- lista ta' l-istabbilimenti approvati (is-saħħha ta' l-annimali u s-saħħha pubblika), u
- ċertifikat mudell (is-saħħha ta' l-annimali u s-saħħha pubblika).

<sup>(1)</sup> ĠU L 373, tal-31.12.1990, pág. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 62, tal-15.3.1993, pág. 49.

**▼B**

2. Għall-pajjiżi terzi msemmija fl-Anness II, il-livell tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu minn kull Stat Membru fuq il-kunsinna tal-prodotti ta' l-istess grupp għandu jkun kif imniżżeż fdak l-Anness.
3. Paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 15 u 19 tad-Direttiva 90/675/KEE.

Fejn Stat Membru japplika l-miżuri provvduti għalihom fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 90/675/KEE, is-sitwazzjoni għandha tīgħi riveduta urġement skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 90/675/KEE; għal dan il-għan l-Istat Membru konċernat għandu immed-jata jen-informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, partikolarment bil-għan li jimplimenta t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(3) ta' din id-Deċiżjoni.

**▼M10****▼B***Artikolu 2*

Stati Membri għandhom jorganizzaw kontrolli fiżiċi ftali mod li ma jkunx possibbli għall-importatur li jbassar jekk xi kunsinna partikolari hix se tkun suġġetta għal kontroll fiżiku.

*Artikolu 3***▼M11****▼B**

3. ►M11 Il-Kummissjoni għandha tirrevedi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 97/78/KE l-frekwenzi stipulati fl-Annessi I jew II għal din id-Deċiżjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-kriterji stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 97/78/KE kif ukoll il-prinċipju ta' reġionalizzazzjoni u prinċipji veterinarji oħra tal-Komunità. ◀
4. Fejn il-kontrolli veterinarji juru xi irregolarità li għandha implikazzjonijiet serji għas-sahħha ta' l-annimali u dik pubblika, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

*Artikolu 4*

Il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi fuq kunsinni ta' prodotti stabbiliti fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjoni jiet fuq il-kontrolli fiżiċi mniżżla fid-Direttiva 92/118/KEE jew kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni magħmula taħt din id-Direttiva, jew fxi kwalunkwe legisslazzjoni oħra fil-Komunità.

*Artikolu 5*

Kull meta deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-ftehim t'ekwivalenza veterinarja tiddefinixxi l-frekwenzi speċifiċi tal-kontrolli fiżiċi, il-Kummissjoni għandha tħalli dawn il-frekwenzi fl-Anness II.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni se tīgħi emdenda hekk kif il-Kunsill jaddotta l-modifikasi relevanti fid-Direttiva 90/675/KEE.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika ►M4 l-1 ta' Jannar 1997 ◀.

**▼B**

Għandu japplika mill-15-il ġurnata wara l-ġurnata tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

**▼B***ANNESS I*

**GRUPPI TA' PRODOTTI U L-FREKWENZA TAL-KONTROLLI FIŻIĊI LI JRIDU JITWETTQU MINN KULL STAT MEMBRU FUQ IL-KUNSINNI TAL-PRODOTTI IMPORTATI MINN STABBILIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI MSEMMIJA F'L-ARTIKOLU 1**

Gruppi ta' prodotti	- Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi ta'
<b>Kategorija I</b>	
1. Laħam frisk inkluż l-interjur tiegħu, u prodotti ta' l-ispeċċi bovina, ovina, kaprina, porċina u ekwina definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/5/KEE ( <sup>(1)</sup> )	20 %
2. Prodotti mis-sajd pakkjati ermetikament f'kontenituri siġillati intiżi li jrenduhom stabbli f'temperaturi ambjentali, ħut frisk jew friżat u prodotti tas-sajd niexfa u/jew mielħa ( <sup>(2)</sup> )	
3. Bajd sħieħ	
4. Xaħam ta' l-ikel u xaħmijiet mirduda	
5. Ġlud ta' l-annimali	
6. Bajd li jfaqqus	
<b>Kategorija II</b>	
1. Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur	50 %
2. Laħam tal-fenek, laħam ta' l-annimali tal-kaċċa (selvaġġ u mrobbi) u prodotti tagħhom	
3. Ħalib u prodotti tal-ħalib għall-konsum uman	
4. Prodotti tal-bajd	
5. Proteini ta' l-annimali proċessati għall-konsum uman	
6. Prodotti oħra tas-sajd barra minn dawk imsemmija f'Kategorija I, 2 u molluski bivalvi	
7. Għasel	
<b>Kategorija III</b>	
1. Semen	Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi ta' mill-anqas 1 % u l-aktar 10 %)
2. Embrijoni	
3. Demel	
4. Ħalib u prodotti tal-ħalib (mhux għall-konsum uman)	
5. Ġelatina	
6. Saqajn taż-żrinġijiet u l-bebbux	
7. Għadam u prodotti mill-għadam	
8. Ġlud ta' barra u l-ġlud ta' l-annimali	
9. Lanżit, suf, xagħar, rix	
10. Qrun, prodotti mill-qrun, nagħal u prodotti min-nagħal	
11. Prodotti ta' l-apikultura	
12. Trofej tal-kaċċa	
13. Ikel ta' l-annimali proċessat	
14. Materja prima għall-manifattura ta' ikel ta' l-annimali	
15. Materja prima, demm, prodotti mid-demm, glandoli u organi għall-użu farmaċew-tiku	
16. Prodotti mid-demm għal użu tekniku	
17. Patoġeni	
18. Tiben u qamħ	

(<sup>(1)</sup>) ĠU L 57, tat-2.3.1992 pg. 1(<sup>(2)</sup>) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, subparagrafu 2, tad-Direttiva 91/493/KEE (ħut frisk).

**▼M11***ANNESS II***IL-LISTA TA' PAJJIŻI TERZI U L-FREKWENZI TAL-KONTROLLI  
FIŻIĊI****1. New Zealand**

Fil-każ ta' New Zealand, il-frekwenzi għandhom ikunu dawk previsti fil-Ftehim li kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali (¹).

**2. Il-Kanada**

Fil-każ tal-Kanada, il-frekwenzi għandhom ikunu dawk previsti fl-Anness VIII għall-Ftehim li kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-miżuri sanitarji għall-ħarsien tas-saħħa tal-pubbliku u tal-annimali dwar il-kummerċ fl-annimali ħajjin u fil-prodotti tal-annimali (²).

**3. Iè-Ċili**

Fil-każ taċ-Ċili, il-frekwenzi se jkunu dawk previsti fil-Ftehim fuq Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji applikabbli għal Kummerċ fl-Annimali u Prodotti ta' l-Annimali, il-Pjanti, il-Prodotti tal-Pjanti u Oġġetti oħra u l-Benesseri ta' l-Annimali stipualti fl-Anness IV għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħħa l-oħra (³).

**4. L-Iżvizzera**

Fil-każ ta' l-Iżvizzera, il-frekwenzi għandhom ikunu dawk previsti fl-Appendiċi 10 ta' l-Anness 11 dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-miżuri żootekniċi applikabbli għal kummerċ f'annimali ħajjin u fi prodotti ta' l-annimali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Ĵizzerra dwar kummerċ fi prodotti agricolli approvati bid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom ta' l-4 ta' April 2002 tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni, f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ftehim Fuq Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, dwar il-konklużjoni ta' seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Ĵizzerra (⁴).

(¹) ġu L 57, 26.2.1997, p. 4. Deċiżjoni kif emadata l-aħħar mid-Deċiżjoni 1999/837/KE (ġu L 332, 23.12.1999, p. 1).

(²) ġu L 71, 18.3.1999, p. 1.

(³) ġu L 352, 30.12.2002, p. 3.

(⁴) ġu L 114, 30.4.2002, p. 1.